**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 63/2020**

**Mark Bonello**

**Vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Mark Bonello** ipprezentat fil-5 ta' Awissu 2020 li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

*"Illi dan huwa appell ai termini tal-Artikoli 34 tal-Att dwar Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423) minn deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' intimata;*

*Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:*

1. *Illi l-esponenti għandu barriera 9A li tinsab fl-akwata magħrufa bħala Ta' Wied Musa f'Tal-Ħandaq sive Tal-Ħarruba Triq ta' Wied Ħanżir limiti tas-Siġġiewi. L-esponenti jopera wkoll barriera oħra, mertu ta' dan l-appell, biswit il-barriera 9A.*

2. *Illi fis-6 ta' Mejju 2020 l-esponenti ġie mgħarraf minn ċertu Thomas Paris u David Cutajar, impjegati mal-Awtorita' tal-Ippjanar, li l-barriera biswit in-numru 9A kienet tifforma parti mill-barriera magħrufa bħala Softstone Quarry No. 2 u l-esponenti ma kellux permess ta' tqattiegħ ta' blat f'din il-barriera (Dok. A). Huma dderiġewh jagħmel kuntatt mal-awtorita' intimata sabiex jinħareġ il-permess relattiv għal tqattiegħ ta' blat u bejgħ ta' ġebel.*

3. *Illi l-esponenti għamel kuntatt mal-awtorita' intimata u applika għal-liċenżja sabiex ikun jista' jħaddem il-barriera u jbiegħ ġebel artab minn dik il-barriera li tifforma parti min-numru 2 u li hija biswit il-barriera 9A.*

4. *Illi l-esponenti ġie mgħarraf li kellu jħallas arretrati fl-ammont ta' €13,500.84 (Dok. B) dovuti fuq parti ta' terzi ċertu Bonanno li tifforma parti wkoll mill-barriera 2. L-esponenti informa lill-intimata bil-possibilita li dik il-parti tal-barriera li kien ser japplika għaliha kienet parti mill-barriera 9A u mhux mill-barriera 2 iżda l-intimata baqgħet tinsisti fuq il-posizzjoni tagħha u għalhekk kellhom jitħallsu l-arretrati ta' €13,500.84.*

5. *Illi l-esponenti ġie nfurmat ukoll li kienu ser jinħarġu żewġ permessi fuq żewġt ibnadi mill-barriera 2, wieħed lil ċertu Anthony Camilleri u/jew AC Group Limited u l-ieħor kien ser jinħareġ fuq l-esponenti iżda l-arretrati ta' €13,500.84 kellhom jitħallsu mill-esponenti u mhux jitħallsu bejn tnejn;*

6. *Illi minkejja li fil-fehma tal-esponenti l-barriera ma kienetx tifforma parti mill-barriera 2 iżda mal-barriera 9A (u għalhekk ma kienx hemm għalfejn iħallas l-arretrati ta' €13,500.84) l-esponenti għamel pagament ta' €13,500.84 fid-19 ta' April 2020 (Dok. C). Inoltre ġie sottomess affidavit, ingħata ċertifikat tal-kondotta u ġew sottomessi d-dettalji kollha tal-applikant qua l-esponenti in linea mal-applikazzjoni kif mitlub mill-Awtorita intimata;*

7. *Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Ġunju 2020 (Dok. D) l-awtorita' intimata ikkonfermat li bil-pagament li sar ma kien fadal l-ebda arretrati u għalhekk l-esponenti kien ġie liċenzjat li jħaddem din il-barriera u jbiegħ ġebel artab. In-numru tal-liċenżja li nħareġ huwa QS2B.*

8. *Illi fit-13 ta' Lulju 2020 (Dok. E) l-awtorita' intimata bgħatet ittra oħra mingħand l-intimata fejn ġie ingħad:-*

    a. *The site is not part of the original licences area of quarry 2 (site plan attached refers)*

    b. *It appears that the area is owned/ administered by the Lands Authority.*

    *In view of the above, the licence to quarry and, or sell stone in Quarry QS2B is hereby withdrawn. Please send us your bank details for us to refund your application fee.*

9. *Illi l-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni irraġonevoli għas-segwenti raġunijiet:-*

    i. *Id-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2020 hija ultra vires stante li l-awtorita' intimata ma kienetx debitament kostitwita fid-data li fiha ttieħdet din id-deċiżjoni hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

    ii. *Id-deċiżjoni mhijiex motivata u l-esponenti ma ingħatax l-opportunita' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu mal-awtorita intimata;*

    iii. *Deċiżjoni hija waħda mingħajr bażi*

10. *Illi jirriżulta li l-esponenti għandi interess dirett li jikkontesta d-deċiżjoni.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal prevja li jiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-awtorita' intimata fit-13 ta' Lulju 2020 hija nulla u mingħajr effett jikkonferma d-deċiżjoni meħuda fid-19 ta' Ġunju 2020 u dan taħt dawk il-proveddimenti li jidhirlu xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi** ipprezentata fl-24 ta' Awwissu 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*(1) "Illi mhuwiex minnu li l-Awtorità intimata ħadet deċiżjonijiet ultra vires, inkluż id-deċiżjoni tat- 13 ta' Lulju 2020 li rrevokat il-liċenzja QS2B u d-deċiżjoni tat-19 ta' Ġunju 2020 tal-Awtorità li biha ddeċidiet li toħroġ l-Istess liċenzja QS2B;*

*(2) Illi m'huwiex korrett l-appellant meta jgħid li d-deċiżjoni tal-Awtorità li tirrevoka l-liċenzja mhijiex motivata meta ingħadu biċ-ċar fl-istess deċiżjoni r-raġunijiet li dwarhom kienet qegħda tiġi bbażata r-revoka. Illi m'huwiex minnu ukoll li l-appellant ma kienx ingħatha l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu stante li ġie kkonsultat qabel ma seħħet ir-revoka.*

*(3) Illi ma kienx ukoll minnu dak li ġie mistqarr mill-appellanti fl-affidavit ġuramentat tiegħu (Dok. MRA anness), li huwa kien qed jokkupa s-sit immarkat fil-pjanta annessa b'mod legali u leġittimu (mentri s-sit in kwistjoni huwa ta' propjetà tal-Lands Authority u mikri lil terzi) u li ma kienx jaf bl-ebda impediment li jżommu milli japplika għal permess ta' barriera għar-rigward tal-art deskritta fil-pjanta annessa mal-affidavit.*

*(4) Illi inoltre fid-deċiżjoni tat-19 ta' Ġunju 2020 tal-Awtorità li toħroġ l-Istess liċenzja QS2B kien ingħad biċ-ċar li l-istess ħruġ kien mingħajr ħsara għal ħruġ tal-liċenzji meħtieġa mill- Environment and Resources Authority (ERA) u mill-Planning Authority (PA), liema permessi sallum qatt ma nħarġu.*

*(5) Illi inoltre l-aggravji kollha tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li t-talba tal-appellanti għandha tigi miċħudha għar-ragunijiet imsemmija, bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 13 ta' Lulju 2020 fejn irtiratlu l-licenzja ta' barriera u/jew sabiex ibiegh gebel fil-Barriera QS2B u dana peress li l-istess sit ma kienx jifforma parti mis-sit originali

licenzjat, u cioe` Quarry 2, liema sit kien proprjeta` jew amministrat mill-Awtorita` ta' l-Artijiet.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa sid ta' barriera gewwa s-Siggiewi li ggib in-numru 9A u maghha zied bicca ohra li hija mertu ta' dan l-appell. Spjega li fl-2019 kienu marru ufficjali tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex iwaqqfuh milli jopera fil-bicca li estenda ghax kien qed jopera fiha bla permess. L-istess ufficjali idderigewh sabiex imur ghand l-Awtorita` intimata biex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu. Spjega wkoll illi l-estensjoni kienet tal-Awtorita` tal-Artijiet u ghalhekk applika mal-istess Awtorita` pero` baqa' bla risposta. Nel frattemp applika wkoll mal-Awtorita` intimata ghall-estensjoni u hargulu l-permess u hallas il-licenzja ghaliha.

**L-Inginier George Cassar**, analista mal-Awtorita` intimata, xehed li huwa responsabbli mill-hrug u t-tigdid tal-licenzji biex tithaddem barriera u/jew jinbiegh gebel artab. Jispjega li wara li r-rikorrent kien applika biex jikseb licenzja fuq il-barriera in kwistjoni, l-Awtorita` giet infurmata mill-ERA li r-rikorrent ma kellux titolu fuq l-istess sit. Ghaldaqstant l-Awtorita` talbet lir-rikorrent biex jispjega l-posizzjoni tieghu vis-a-vis l-art in kwistjoni. Cassar jistqarr illi r-rikorrent irrikonoxxa li l-art kienet tal-Awtorita` ta' l-Artijiet u li ma kellux titolu fuqha u dan kuntrarjament ghal dak li kien stqarr bil-gurament mal-applikazzjoni tieghu. Ghalhekk l-Awtorita` dderigiet lir-rikorrent sabiex jirtira l-applikazzjoni tieghu fuq l-istess art u hi tirrifondilu l-hlas li kien ghamel. Madanakollu dan ma sarx u gie intavolat dan l-appell.

**Joanie Galea**, ufficjal tal-Awtorita` ta' l-Artijiet, spjegat illi s-sit mertu tal-appell in kwistjoni huwa proprjeta` tal-Gvern u kien mikri *in solidum* bhala art agrikola. Mistoqsija jekk illum il-gurnata is-sit ghadux kirja agrikola hija stqarret li ma tahsibx peress li fil-fajl sabet zewg permessi tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall-uzu ta' barriera. Hija esebiet ukoll dokument intitolat "Lease Details Report" dwar is-sit in kwistjoni li hija maghrufa mal-Awtorita` tal-Artijiet bhala Tenement Number J 43019, liema kirja jirrizulta li tghajjat lil certu Emanuel Vella.[1]

**Ikkunsidra:**

Illi permezz ta' ittra legali datata 16 ta' Gunju 2020 ir-rikorrent talab lill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata johrog favur tieghu licenzja sabiex ikun jista' jhaddem barriera u jbigh il-gebel artab mis-sit maghruf bhala "Tal-Harruba", Triq ta' Wied Hanzir, limiti tas-Siggiewi u dan kif ahjar delinejat f'pjanta annessa mal-istess ittra li turi s-sit in kwistjoni.[2] Flimkien mal-istess ittra gie anness certifikat tal-kondotta tar-rikorrent u kif ukoll affidavit fejn ir-rikorrent iddikjara, fost

[1] A fol. 136
[2] Ittra a fol. 63 u pjanta a fol. 66

ohrajn, li huwa qed jokkupa l-istess sit b'mod legali u legittimu.[3] Mal-istess ittra intbaghat cekk ta' €13,500.84 li kien ikopri il-hlas tal-istess licenzja.

Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Gunju 2020 l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent li kien licenzjat sabiex ihaddem barriera bin-numru ta' referenza QS2B u jbiegh gebel artab minnha. Mal-istess ittra baghtitlu wkoll ricevuta tal-hlas maghmul minnu u infumatu wkoll bis-segwenti:

*"This licence shall be without prejudice to the conditions contained within the relative Planning Authority and Environment and Resources Authority permits. The continuing holding of this licence shall require the continued observance and holding of those permits."*[4]

Illi jirrizulta illi sussegwenti ghall-hrug ta' din il-licenzja, l-ERA gibdet l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata li r-rikorrent ma kellux titolu fuq l-art in kwistjoni. Ghalhekk l-Awtorita` intimata kisbet informazzjoni minghand l-Awtorita` tal-Artijiet li s-sit in kwistjoni ma kienx mikri lir-rikorrent. Ghaldaqstant, wara li l-Awtorita` tat l-opportunita` lir-rikorrent jirregola l-pozizzjoni tieghu, permezz ta' ittra datata 13 ta' Lulju 2020 irrevokatlu l-permess li kienet hargitlu ghall-barriera QS2B u talbitu biex jibghat id-dettalji tal-Bank tieghu biex jigi rifuz il-hlas li kien ghamel relatat mal-applikazzjoni tieghu.[5]

Illi permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrent issottometta illi d-decizjoni appellata hija *ultra vires* stante li l-Awtorita` intimata ma kinitx debitament kostitwita fid-data meta ttiehdet l-istess decizjoni.

Illi minn dak li xehed l-Inginier Anthony Rizzo, Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata, jirrizulta illi huwa gie delegat li jiehu decizjonjiet amministrattivi bhal dik in kwistjoni. Spjega li l-Bord tal-Awtorita` prezentement ma kienx kostitwit u kien ilu mhux kostitwit mill-2018. Spjega li l-licenzji li ghandhom x'jaqsmu mar-rizorsi ma kellhomx ghalfejn jitilghu Bord ghaliex dawn huma materji amministrattivi. Jispjega li huwa nghata l-awtorita` biex imexxi l-applikazzjonijiet fir-rigward tar-rizorsi minn meta beda fil-kariga, u cioe` fl-2009. Pero` minuti dwar din id-direzzjoni ma setax jipproduci peress li fl-2015 kien hemm il-qasma bejn ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma u l-Awtorita` intimata.

Illi ghalhekk ma giet prodotta l-ebda minuta dwar id-delega tal-Bord lill-Kap Ezekuttiv fejn jidhlu permessi ta' barrieri. Filwaqt li kien ikun ahjar kieku tezisti xi forma ta' minuta dwar din id-delega, dan it-Tribunal ma jsib ebda raguni li

[3] A fol. 64
[4] A fol. 62
[5] A fol. 55

fuqha m'ghandux jaghti affidibilita` lill-verzjoni tal-Inginier Rizzo. Min-naha l-ohra, meta r-rikorrent gie biex japplika ghall-barriera in kwistjoni ma sab l-ebda diffikulta` f'min kien qieghed jiehu l-istess decizjoni. Kien biss issa li l-affarijiet ma gewx kif xtaqhom li qieghed jallega li d-decizjoni kienet wahda *ultra vires*. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jarax li l-ewwel aggravju huwa gustifikat.

Illi permezz tat-tieni aggravju r-rikorrent jishaq illi d-decizjoni appellata mhix motivata u li ma nghatax l-opportunita` jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

Illi minn ezami tad-decizjoni appellata jirrizulta li l-Awtorita` intimata tat zewg ragunijiet ghar-revoka tal-licenzja tal-barriera *de quo*, liema ragunijiet gew imnizzlin u huma cari hafna fl-istess decizjoni. Jirrizulta illi r-rikorrent fehem tajjeb l-istess decizjoni tant li sejjes l-appell fuq l-istess ragunijet moghtija. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jsibx illi dan l-aggravju huwa gustifikat.

Illi fir-rigward tal-aggravju li r-rikorrent ma nghatax opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu, it-Tribunal ukoll isib li dan mhux gustifikat. Jirrizulta li l-Awtorita`, wara li harget il-licenzja ghall-barriera *de quo*, ikkonsultat mar-rikorrent u tatu cans jirregola l-posizzjoni tieghu. Kif jirrizulta mill-affidavit ta' George Cassar, ufficjal tal-Awtorita` intimata, wara li l-Awtorita` skopriet li s-sit in kwistjoni mhux tar-rikorrenti, izda huwa tal-Awtorita` ta' l-Artijiet, huwa u l-Kap Ezekuttiv iltaqghu mar-rikorrent fejn stiednuh jipproduci prova li l-art kienet tieghu. Cassar spjega wkoll li kienu urewh il-pjanti u r-rikorrent kien ammetta maghhom li l-art kienet ghadha tal-Awtorita` tal-Artijiet u li kuntrarjament ghal dak li kien stqarr bil-gurament, huwa ma kellux titolu fuq l-istess sit. Cassar jispjega li l-Awtorita` kienet stiednet lir-rikorrent jirtira l-applikazzjoni tieghu stante li din kienet akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata falza. Madanakollu jirrizulta li flok ma r-rikorrent ghamel dan, huwa intavola dan l-appell. Illi ghaldaqstant it-Tribunal ma jqisx illi l-Awtorita` ma tatx opportunita` lir-rikorrent jaghti l-verzjoni tieghu. Anzi bil-kuntrarju. L-Awtorita` ippruvat timminimizza l-konsegwenzi li seta' jhalli l-fatt li r-rikorrent ghamel dikjarazzjoni guramentata falza.

Illi finalment ir-rikorrent jishaq illi d-decizjoni appellata hija wahda minghajr bazi. Illi dan it-Tribunal ftit fadallu xi jghid ma' dak li ntqal iktar 'il fuq. Illi mill-provi prodotti hu evidenti li r-rikorrenti m'ghandu l-ebda titolu fuq is-sit tal-barriera maghrufa bhala QS2B. Dan hu rikonoxxut ukoll mir-rikorrent innifsu tant li stqarr li hemm applikazzjoni biex jinghata koncessjoni tas-sit in kwistjoni da parti tal-Awtorita` tal-Artijiet. Il-fatt li, skont ma' xehdet Joanie Galea, l-Awtorita` tal-Artijiet tista' tkun qieghda thejji *policy* sabiex jinhargu permessi ghal barrieri fuq proprjeta` amministrata minnha ma jaghti ebda suffragju lill-fatt li r-rikorrent m'ghandu ebda titolu fuq l-art in kwistjoni. Kwindi kienet korretta l-Awtorita` intimata li rrevokat licenzja li nghatat fuq dikjarazzjoni li s-sit tal-

barriera in kwistjoni kien qiegħed jiġi okkupat mir-rikorrent b'mod legali u legittimu.[6]

Għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi m'hemm xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

[6] Ara affidavit Dokument MRA a fol. 16